Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-14 ta' Awwissu, 2003

Appell Kriminali Numru. 2/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Galea**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Galea talli fil-15 ta' Mejju, 2002 u/jew fix-xhur ta' wara gewwa l-Mellieha, minghajr il-hsieb li jisraq u/jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita dritt li kien jippretendi li ghandu, gieghel jew xort'ohra bl-awtorita` tieghu innifsu fixkel lil haddiehor fil-pussess ta' hwejjgu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Dicembru, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Joseph Galea hati skond l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundanntu multa ta' tletin lira (Lm30);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Joseph Galea, minnu pprezentat fid-19 ta' Dcembru, 2002 li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fid-diversi udjenzi; ikkunsidrat:

Dana l-appell huwa wiehed fieragh. L-appellant jilmenta, bazikament, li d-deposizzjoni ta’ Joseph Vella (il-kwerelant) wahedha ma kienitx bizzejjed biex huwa jinstab hati; u, fit-tieni lok, jghid li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx li dak li ghamel ghamlu “biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu” skond id-definizzjoni tar-reat ta’ *ragion fattasi* fil-Kodici Kriminali taghna. Din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma li a bazi tad-deposizzjoni mhux kontradetta ta’ l-imsemmi Vella l-ewwel qorti kienet pjenament gustifikata li tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Infatti minn din id-deposizzjoni tirrizulta kemm l-ammissjoni ta’ Galea – cioe` li kien hu responsabbli ghat-twaqqigh tal-hajt mibni minn Vella madwar il-veranda tal-*boathouse* li ghandu – kif ukoll l-element ta’ “pretended right” da parti ta’ l-appellant, cioe` d-dritt li kien jippretendi li kellu li jirrifjuta l-kunsens tieghu sabiex Vella jtella’ t-tlett filati gebel fuq il-pedamenti ta’ madwar il-veranda.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. U peress li, kif inghad, l-appell huwa wiehed fieragh fit-termini tal-Artikolu 429(2) tal-Kap. 9, tikkundanna lill-appellant ammenda ta’ hamsa w ghoxrin lira (Lm25) konvertibbli f’hamest ijiem detenzjoni f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------